# Ħad-Dingli fit-Tieni Gwerra Dinjija 1940–1945 (2)

*Kontinwazzjoni tal-ewwel parti li ġiet ippubblikata fil-ħarġa tas-sena li għaddiet*

Minn Joseph Farrugia Dip. ED. G. (Reading) – ***Is-Ser***



Malli l-gwerra ħraxet fil-Libja, ħraxet f'Malta wkoll, u l-ajruplani Ġermaniżi kienu ġejjin u sejrin fuq Malta jagħmlu li jridu. L-Ingliżi kellhom l-*fighter Hurricane* li konna ngħidulhom karrettuni għax ma kienux ħfief bħal *Messerschmit* Ġermaniżi li kienu jaqbżu l-400 mil fis-siegħa, u l-ħeffa kienet kollox fl-ajru. Fis 16 ta' Jannar 1942 daħlet l-*Aircraft Carier "Illustrious"* li sorġiet fit-tarzna. L-Ġermaniżi li kienu isegwuha għal ġranet sħaħ u jtuha l-bombi li kellhom fuqha ma kienx irnexxielhom jagħrquha. Fuqha intefgħu jaħdmu ħafna Dinglin li kienu ta' sengħa kbira, speċjalment fuq *gun mounting sheet metal workers* u xogħol simili. Konna nisimgħu x` kien fiha tal-ħsara kuljum meta kienu jiġu lura mit-tarzna. Kienu jinġabru fejn L-Għassa kuljum. Kulħadd jgħid tiegħu.

Il-Ġermaniżi ħalfu li l-*Illustrious* ma titlaqx minn Malta. Attakk wara ieħor. Darba konna qabda tfal fit-triq nilgħabu ta' gwerra Franċiża u ħassejna ħoss ta' ajruplani ġejjin. Kien ħoss ġdid għax konna ngħarfu ajruplan mill-ħoss tal-magna, sew jekk ikun Ingliż sew jekk Ġermaniż. F`daqqa waħda feġġet qatgħa ta' 180 ajruplan *Stuka bomber* Ġermaniżi li kellu il-kapaċita jinżel għal rasu dritt u jdur meta jkun kważi mal-art. Għoddejnihom għax kienu formazzjoni tal-ittra 'V'. Wieħed ħa naħa biex jgħodd u ieħor ħa naħa oħra. L-ebda kanun ma spara. Baqgħu sejrin dritt għal-fuq il-port. Morna niġru lejn l-iskola, tlajna fuq il-borġ ta' terrapien li kien hemm fuq il-bokka tax-xelter, u segwejna l-attakk. Malli waslu fuq il-Port kollha niżlu wieħed wara l-ieħor f`serbut ma jaqta' qatt. Jitilqu l-bomba u jtiru l-fuq. Kien l-akbar attakk li qatt għamlu l-Ġermaniżi fuq Malta. Ħallsu qares il-Ġermaniżi għax l-Ingliżi kienu dawru l-port b`kanuni fi tlett saffi ta' għoli fuq is-swar, u ħafna kienu l-ajruplani Ġermaniżi li ma waslux lura. Rajna ħafna aruplani jaqgħu wara li jaħarbu minn fuq il-Port għax ikunu milquta. Waqa wieħed lejn ta' Żuta u l-għada morna ħafna tfal b`martel u skarpell biex naqilgħu il-*ball bearings* (jew borrejs kif konna nsejjħulhom). Dawn konna nagħmlu skuter bihom. Jien kelli wieħed u kienet l`hena tiegħi niġri bih minn fejn il-knisja għal fejn l-Għajn tal-Bhejjem. Dik it-triq biss kienet *asphalt* u fiha konna nagħmlu tiġrijiet. Karozzi ma kontx tara waħda ħlief tal-militar. Dawk il-ftit li kien hawn ma ħallewhomx joħorġu fit-toroq.

Lura għall-attakk fuq l-*Illustrious*. Veru li l-Ġermaniżi tilfu l-ajruplani pero Bormla, il-Birgu, u L-Isla saru ħerba u ma kienx baqa` dar li ma ntlaqtitx. Mietu xi disgħin f`xelter wieħed u kien hemm nies rifuġjati Ħad-Dingli li mietu hemm għax marru hemm dakinhar. L-*aircraft Carrier* salpat wara li sewwewha kif setgħu. Il-gwerra hawn daħlet fl-agħar tagħha. Il-Ġermaniżi kellhom supremazija kollha tal-ajru. L-Ingliżi kienu qed jistennew invażjoni bl-art minn mument għall-ieħor. Konna nistgħaġbu meta naraw ajruplani tal-għadu għaddejjin u ħadd ma jispara fuqhom. Kellhom ordni li ma jisparawx







sabiex iħallu l-*bullets* u l-ballal għal meta tiġi l-invażjoni.

Il-gwerra ħadet xejra oħra għall-agħar. It-tbatija żdiedet. Ma kienx baqa dqiq abjad u beda ġej dqiq imħallat b'kull ħaġa li tittiekel, qamħirrun, qarabocc, ċiċri u ġulbiena. Il-Ħobż kien iswed imma aħjar dak minn xejn. F'April 1942 l-Ingliżi indunaw li jekk ma jirbħux il-ġlieda fl-ajru ma kienu se jagħmlu xejn. Bagħtu madwar sittin ajruplan tal-ġlied *Spitfire* biex isaħħu d-diviża fl-ajru. Dawn ġew minn fuq *Aircraf Carrier*. Iżda malli niżlu sfaw meqruda mill-ajruplani Tedeski kif kienu fl-art. L-*Ispitfire* kien aqwa mill-*Messerschmit* għax kien jista jinżel għad-dritt f'daqqa u allura jiġi wara l-għadu. Min ikun wara jirbaħ għax jispara fuq ta' quddiemu. Meta l-Ingliżi raw li tilfu l-ajruplani kollha reġgħu bagħtu 60 oħra, imma din id-darba kull ajruplan kellu jistennewh tim nies bil-landi tal-petrol lesti u malli niżel imlewh u reġa telgħa. X'ħin il-Ġermaniżi ġew flok sabu ajruplani fl-art sabu min jeqfilhom fl-ajru. Fl-14 ta' April saret l-ikbar battalja fl-ajru tat-tieni gwerra dinjija. Kien il-Hadd. Jien bdejt nisma ħsejjes ta' ajruplani differenti u ħriġna barra; is-soltu fuq il-borġ ġebel ta' fuq ix-xelter tal-iskola. Kien hemm aktar minn 100 ajruplan tal-ġlied jiġru wara xulxin. Ajruplani Ġermaniżi bdew jaqgħu 'l hawn u 'l hemm. *Spitfires* waqgħu wkoll pero l-Ġermaniżi qalgħu xebgħa u ma rajnihomx iżjed għax kienu jafu x'kien hemm lest. L-*air raids* naqqsu għal kollox u d-dinja bdiet tieħu r-ruħ. Ikel beda dieħel Malta bis-sottomarini u kellna biex nitrejqu. Dan sakemmm daħal il-konvoy ta' Santa Marija fejn imbagħad veru ħadna ir-ruħ.



Din kienet l-istorja ta' Ħad-Dingli fit-Tieni Gwerra Dinjija kif niftakarha jien. Qabel ngħalaq irrid nagħmel korrezzjoni fl-ewwel parti, fejn għidt li fl-ewwel ġurnata miet wieħed minn Bormla miżewweġ Ħad-Dingli. Veru dak kien inqatel fil-gwerra pero ma kinetx l-ewwel ġurnata, iżda wara. Kien jismu Frenċ Fenech, kien ħu l-mara tal-Bormliż Joe Borg li miet wara kif semmejna aktar qabel. Ngħid ukoll li kien hemm kanun Bofors fejn San Pawl tal-Pitkali. Nżid ukoll li L-*Airforce* Ingliża fuq l-irdum ta' Ħad-Dingli kellha strumenti radar li kienu jkunu jafu li telqu l-ajruplani minn Sqallija malli jibdew itiru. Nirringrazzja lil min ġibidli l-attenzjoni fuq dawn l-irqaqat li kienu ħarbuli sforz kemm għadda żmien. Dak li ktibt kien kollu minn dak li ftakart. Nispera li kont ta' użu ghall-istorja tar-Raħal tieghi Ħad-Dingli li jien tant kburi bih.